C/2024/4226

24.7.2024

P9_TA(2023)0440

In-nuqqas ta' segwitu leġiżlattiv mill-Kummissjoni għar-riżoluzzjoni tal-Kumitat ta' Inkjesta PEGA

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2023 dwar in-nuqqas ta' segwitu leġiżlattiv mill-Kummissjoni għar-riżoluzzjoni tal-Kumitat ta' Inkjesta PEGA (2023/2988(RSP))

(C/2024/4226)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 13(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-prinċipju tal-kooperazzjoni leali,

— wara li kkunsidra l-Ftehim Qafas tal-20 ta' Novembru 2010 dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea ([1]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([2]),

— wara li kkunsidra r-rapport tat-22 ta' Mejju 2023 tal-Kumitat ta' Inkjesta biex jinvestiga l-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti (A9-0189/2023).

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu tal-15 ta' Ġunju 2023 lill-Kunsill u lill-Kummissjoni wara l-investigazzjoni ta'allegati kontravenzjonijiet u amministrazzjoni ħażina fl-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni fir-rigward tal-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti ([3]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 208(13) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regola 132(2) tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu,

A. billi fil-15 ta' Ġunju 2023, il-Parlament adotta rakkomandazzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni wara l-investigazzjoni ta' allegati kontravenzjonijiet u amministrazzjoni ħażina fl-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni fir-rigward tal-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti, li kienet tinkludi proposti għal azzjonijiet leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi fil-livell tal-UE biex jiġi rregolat l-użu ta' software ta' spjunaġġ, li l-għan tiegħu kien li jipproteġi d-dritt tal-Unjoni u d-drittijiet minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

B. billi l-Ftehim Qafas u l-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet jobbligaw lill-Kummissjoni twieġeb għat-talbiet għal proposti għal azzjonijiet tal-Unjoni magħmula mill-Parlament fi żmien tliet xhur, filwaqt li tiddikjara s-segwitu li bihsiebha tagħtihom;

C. billi aktar minn ħames xhur wara l-adozzjoni tar-rakkomandazzjoni, il-Kummissjoni naqset milli tagħti risposta formali lill-Parlament li tiddeskrivi l-azzjonijiet meħuda u l-pjanijiet tagħha għall-futur;

D. billi mill-adozzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-Parlament, ġew irrapportati każijiet ġodda ta' abbuż ta' software ta' spjunaġġ fl-UE mingħajr ebda rispons mill-awtoritajiet nazzjonali jew mill-Kummissjoni;

E. billi l-Predator Files żvelaw li l-Membri tal-Parlament Ewropew, inklużi l-President Roberta Metsola u Pierre Karleskind, kif ukoll uffiċjali tal-Kummissjoni u individwi oħra, kienu fil-mira tas-software ta' spjunaġġ Predator; billi r-rapporti tal-media jindikaw li l-attakki oriġinaw minn pajjiżi terzi;

F. billi ġie żvelat li t-telefown tal-ġurnalista Russa Galina Timchenko, li attwalment qed tgħix fl-eżilju, kien infettat mis-software ta' spjunaġġ Pegasus waqt li hija kienet fil-Ġermanja;

G. billi ġie rrapportat li t-telefown ta' Ahmed Tantawy, kandidat presidenzjali Eġizzjan, ġie ripetutament iħħekkjat bl-użu ta' software ta' spjunaġġ Predator, li jinbiegħ minn Intellexa, kumpanija bi sjieda Ewropea;

([1]) ĠU L 304, 20.11.2010, p. 47.
([2]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.
([3]) Testi adottati, P9_TA(2023)0244.

H. billi fil-Greċja, l-Awtorità Ellenika għas-Sigurtà u l-Privatezza tal-Komunikazzjoni (ADAE) u l-Awtorità għall-Protezzjoni tad-Data identifikaw 92 persuna fil-mira, il-prosekuturi responsabbli talbu li l-lista tiġi kontroverifikata ma' persuni mqiegħda taħt sorveljanza mis-Servizz Nazzjonali Grieg tal-Intelligence (EYP), żewġ uffiċjali tal-EYP qed jiffaċċjaw akkużi kriminali mill-prosekuturi, u l-bord tal-ADAE sussegwentement kellu jħabbat wiċċu ma' bidliet f'daqqa u l-fajls ġew trasferiti lil prosekutur ieħor;

I. billi l-maġistrat inkarigat mill-każ fi Spanja ċaħad b'mod provviżorju l-inkjesta dwar l-allegati attakki ta' software ta' spjunaġġ kontra l-Prim Ministru u l-Ministri tal-Gvern mill-Marokk, minħabba nuqqas ta' kooperazzjoni mill-awtoritajiet Iżraeljani;

J. billi ġie żvelat li kumpanija Franċiża, Nexa Technologies, biegħet software ta' spjunaġġ Predator lil reġimi repressivi, inklużi l-Eġittu, il-Vjetnam u Madagascar;

K. billi l-ebda wieħed mir-rapporti, parzjalment iddokumentati fir-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament, li jallega ksur possibbli tar-Regolament dwar l-Oġġetti b'Użu Doppju ([4]) minn Intellexa u kumpaniji oħra ma wassal għal segwitu kredibbli mill-awtoritajiet nazzjonali jew mill-Kummissjoni; billi n-nuqqas ta' skrutinju jista' jkompli joħloq ambjent favorevoli għal atturi malizzjużi f'dan il-qasam;

L. billi fis-6 ta' Settembru 2023, il-kumitat straordinarju ta' inkjesta tas-Senat Pollakk li jinvestiga każijiet ta' sorveljanza illegali, u l-impatt tagħhom fuq il-proċess elettorali, adotta r-rapport finali tiegħu, li fih ikkonkluda li fil-Polonja, is-software Pegasus intuża kontra persuni li kontrihom ma kien hemm l-ebda proċediment kriminali pendenti u li l-vittmi tas-sorveljanza ġew spjunjati għal raġunijiet politiċi;

M. billi l-Kumitat għall-Ġustizzja tal-Parlament Irlandiż (Oireachtas) intalab jinvestiga r-rwol tal-Grupp Intellexa fil-bejgħ ta' software ta' spjunaġġ;

N. billi fit-18 ta' Lulju 2023, id-Dipartiment għall-Kummerċ tal-Istati Uniti żied lill-kumpaniji Intellexa S.A. fil-Greċja, Intellexa Limited fl-Irlanda, Cytrox Holdings Zrt. fl-Ungerija, u Cytrox AD fil-Maċedonja ta' Fuq mal-Lista tal-Entitajiet, għat-traffikar ta' ċibersfruttament użat biex jiksbu aċċess għal sistemi ta' informazzjoni, u talli heddew il-privatezza u s-sigurtà ta' individwi u organizzazzjonijiet madwar id-dinja;

O. billi l-għadd kbir ta' każijiet wera b'mod ċar li l-qafas legali eżistenti – kemm f'ċerti Stati Membri kif ukoll fil-livell Ewropew – mhuwiex biżżejjed biex jipprevjeni l-abbuż u jissanzjona l-użu ħażin ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza;

P. billi dawn ir-rivelazzjonijiet juru l-ħtieġa urġenti li l-Unjoni tieħu azzjoni;

1. Jiddispjaċih ħafna dwar in-nuqqas ta' miżuri ta' infurzar mill-Kummissjoni u ta' segwitu leġiżlattiv għar-rakkomandazzjoni tal-Parlament tal-15 ta' Ġunju 2023; iwissi kontra li jiġi ttraskurat it-theddid għan-nies u d-demokrazija fl-UE li jirriżulta mill-abbuż ta' software ta' spjunaġġ;

2. Jistieden lill-Kummissjoni tirrispetta l-prinċipju tal-kooperazzjoni leali bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, u tikkonforma mal-obbligi stabbiliti fil-Ftehim Qafas u fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet; jistieden b'mod urġenti lill-Kummissjoni tippreżenta pjan ta' miżuri għall-prevenzjoni tal-abbuż ta' software ta' spjunaġġ fl-UE mingħajr dewmien żejjed, filwaqt li tuża bis-sħiħ il-mezzi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi kollha disponibbli pprovduti mit-Trattati Ewropej;

3. Ifakkar fl-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex tivvaluta, sat-30 ta' Novembru 2023, l-issodisfar tal-kundizzjonijiet speċifiċi għal Ċipru, il-Greċja, l-Ungerija, il-Polonja u Spanja stabbiliti fir-rakkomandazzjoni;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

([4]) Ir-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi reġim tal-Unjoni għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, is-senserija, l-assistenza teknika, it-tranżitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju (ĠU L 206, 11.6.2021, p. 1).